Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 22/2014

**Carmela Pace** **(appellata)**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali** **(appellant)**

It-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2016.

1. Id-Direttur tas-Sigurta Socjali cahad talba ta' Carmela Pace sabiex tinghata l-ghajnuna socjali ghaliex: *"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek."* Jirrizulta li din id-decizjoni ttiehdet wara li sar rapport mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji.

2. Jirrizulta li l-appellata kienet infurmat li d-Dipartiment li r-residenza taghha kienet fil-fond 50, Lambada, Triq Birzebbugia, Birzebbugia. Fl-14 ta' Jannar 2013, Spetturi mill-imsemmija Taqsima ghamlu spezzjoni u sabu li fil-fond kien qieghed ighix certu Abdirahman Mohamed Weheliye. Qalilhom li kien ilu jghix hemmhekk sa mill-5 ta' Dicembru 2012. Wara li tkellmu ma' Mary Anne Kind, li l-qorti fehmet li hi sid il-fond, iffirmat dikjarazzjoni li taqra:

   *"Jiena Mary Anne Kind 84854M, owner tal-post 50, Lambada, Triq B'Bugia, B'Bugia, niddikjara li sellift il-post lis-Sinjura Carmela Pace u Uwe Peter Krewzberg minn Lulju 2012 sa Settembru 2012. Dawn bhalissa jinsabu Mount Carmel. Wara Settembru 2012 dan l-indirizz iddikjarat ghamel xi zmien battal u fil-prezent hemm ighix fih certu Mohammed Weheliye Abdiraham ID 51928(A)."*

3. L-appellata appellat mid-decizjoni tal-appellant, u b'decizjoni tal-14 ta' Ottubru 2014 l-Arbitru osserva u ddecieda:

   3.1 L-investigazzjonijiet tad-Dipartiment huma monki ghaliex ma kinitx qed tittiehed il-verzjoni tal-beneficjarja;

   3.2 F'dan il-kaz irrizulta li l-persuna kienet tinsab rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli;

   3.3 Hu evidenti li l-appellata kienet fl-isptar mhux b'xi kapricc jew negilgenza izda minhabba ragunijiet umanitarji. Il-pazjent m'ghandux

izid it-tbatija billi jittiehidlu l-beneficcju socjali minhabba li ma nfurmax lid-Dipartiment bil-bdil ta' ndirizz.

4. L-appellant appella u l-aggravji huma:

4.1 Il-beneficjarja kellha obbligu li tgharraf lid-Dipartiment bi bdil ta' cirkostanzi (Artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318).

4.2 Il-beneficjarja kienet konxja minn dan l-obbligu tant li kien hemm tliet okkazzjonijiet precedenti meta nfurmat lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz.

4.3 Fil-kaz in ezami l-appellata naqset milli tgharraf lid-Dipartiment li fil-perjodu bejn Lulju 2012 u Settembru 2012 kienet qeghda tghix ma' persuna ohra. Ma kinitx infurmat lid-Dipartiment li ma baqghetx tghix fl-indirizz li hi stess kienet tat bhala l-post ta' residenza.

5. Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:

5.1 Il-fatt li l-appellata kienet qeghda, ghal ftit xhur, tghix fl-istess indirizz ma' ragel, m'hijiex prova li ma baqghetx tifforma familja ghal rasha. Ghalkemm issemma li dan ir-ragel kien impiegat, prova ta' dan m'hemmx. Lanqas m'hemm xi prova li kien qieghed imantni lill-appellata. Fis-sentenza **Riccarda Cini vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tas-7 ta' Frar 2007, din il-qorti qalet:

*"Huma evidentement distingwibbli minn dawn it-tifsiriet zewg elementi principali u, cjoe, li:*

*(1) dak li jifforma "familja" fis-sens ta' l-Att in diskussjoni mhux bilfors taghmlu l-konsangwinita` jew iz-zwieg, ukoll jekk dawn mhux eskluzi, imma bizzejjed li jkollok bhala pre-rekwizit sitwazzjoni fejn zewg persuni junixxu ruhhom f'relazzjoni ko-abitativa anke barra miz-zwieg;*
*(2) id-Direttur hu moghti diskrezzjoni biex jiddetermina fil-fehma tieghu l-ezistenza ta' tali familja u tal-kap taghha."*

Il-qorti kompliet tghid li d-diskrezzjoni m'hijiex assoluta u li:

*"Fil-fehma konsiderata taghha l-Qorti tahseb li mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghanda tikkreja l-prezunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista' jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b' kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. L-*

*importanti hu li meta tipprezenta ruhha tali sitwazzjoni wiehed m'ghandux jitlaq minn attitudni errata u koncett zbaljat illi ghax sempliciment l-persuni jkunu qed jabitaw fl-istess dar, ergo tezisti dejjem il-kwalifika ta' "familja""*

A bazi ta' dan l-insenjament, id-decizjoni tal-appellant kienet zbaljata.

5.2 L-appellata giet rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli. Fir-rapport tal-investigaturi jinghad li hemm ksur tal-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, *"…. f'dak li ghandu x'jaqsam mal-intitolamenti tal-Ghajnuna Socjali (SA), tal-Ghajnuna Medika (SKA) u kif ukoll tal-Ghajnuna Supplimentari (SPA) u* ***dan ghaliex is-Sinjura Pace mhux qieghda tghix fl-indirizz iddikjarat fuq bazi permanenti u regolari."*** Dwar dan il-fatt, il-qorti taqbel perfettament ma' dak li qal l-Arbitru. Persuna tiddahhal fl-Isptar Monte Carmeli, minhabba l-istat ta' sahha mentali. Il-fatt wahdu li l-appellata ma baqghetx tghix fil-fond 50 Lambada, Triq Birzebbugia, Birzebbugia m'ghandux ikun ta' pregudizzju. Jista' jkun li l-fatt li l-appellata qeghda tghix fl-Isptar Monte Carmeli, li hi istituzzjoni pubblika, ivarja l-posizzjoni taghha ghal dak li hi intitolata tircievi bhala ghajnuna socjali. Pero' din ir-raguni ma kinitx il-bazi tad-decizjoni tal-appellant u ma sarux sottomissjonijiet dwarha. Li hu zgur hu li skond ma jirrizulta minn ittra ta' Theresa Bonnici, Social Worker fl-Isptar Monte Carmeli tas-26 ta' April 2013, minghajr l-ghajnuna socjali mhux ser ikun possibbli li l-appellata terga' tmur tghix ghal rasha jekk ma tircevix il-beneficcji. Hu evidenti li l-appellata hi *destitute* u ghandha bzonn l-ghajuna tal-Istat biex tkun tista' tmantni lilha nnifisha.

5.3 *Prima facie* d-Direttur Generali seta' l-iktar forsi, kien gustifikat li jissospendi l-beneficcju socjali ghal zmien qasir, u dan sakemm jitkellmu mal-appellata u jikseb iktar dettalji. Skond l-Artikolu 97 tal-Kap. 318, l-appellant ghandu l-awtorita' li jitlob kull taghrif mehtieg. Ovvjament jekk ma jsibx koperazzjoni minghand il-beneficjarju, jista' jiehu l-mizuri. Il-qorti taqbel mal-Arbitru li fl-investigazzjoni, l-ufficjali tad-Dipartiment kellhom ikellmu lill-beneficjarja sabiex jiehdu l-verzjoni taghha. L-investigazzjoni ghandha tkun kompluta u ntiza biss biex verament tizgura li ma jkunx hemm abbuz. Pero' f'dan il-kaz a bazi tal-provi li tressqu, l-appellant ma kellux icahhad lill-appellata milli terga' tibda tircievi l-ghajnuna socjali ghar-ragunijiet li jissemmew fl-ittra tal-11 ta' April, 2013. F'kazijiet ta' din ix-xorta l-qorti qeghda tinnota li ladarba jigi stabbilit li kien hemm bdil ta' cirkostanzi, id-Dipartiment m'huwiex jiddetermina jekk dawk ic-cirkostanzi humiex materjali ghal kaz partikolari. Il-kaz tal-appellata hu kaz klassiku. Il-qorti hi tal-fehma

li dan m'huwiex l-atteggament korrett u tawgura li d-Dipartiment jaddotta prattika differenti ghal dik attwali.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appellata kienet bl-ghajnuna legali, m'hemmx provvediment x'jinghata dwar l-ispejjez**.

Anthony Ellul.